MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1414/2002/1

**Mark Pisani**

**vs**

**Antonio u Sasha konjugi Cassar u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' April, 2003 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri fis-sens illi l-kelma 'konjugi' wara l-ismijiet 'Antonio u Sasha' ghandha tigi kkancellata, u Catbros Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati ihallsu lill-attur s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Ottubru 2001 ghal habta tal-11:00p.m. gewwa Triq il-Palma, Paola bejn il-vettura proprjeta ta'l-attur u misjuqa minnu stess bin-numru ta' registrazzjoni BBI-123 u skip illi

l-konvenuti jew min minnhom qieghdu fl-istess triq b'mod negligenti u perikolanti, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragini, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 29 ta' April 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta'l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta Catbros Ltd.,ipprezentata fit-18 ta' Gunju 2002 fejn gie eccepit:
1. Illi l-eccipjenti ma humiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenuti Antonio u Sasha Cassar ipprezentata fl-20 ta' Gunju 2002 fejn huma eccepew illi l-ammont mitlub mill-atturi ma huwiex dovut stante illi l-konvenuti ma huma bl-ebda mod responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza, ghal liema incident kien unikament responsabbli l-attur u ghalhekk ma humiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Kevin Borg, P.S.767, Ismael Vassallo, tal-konvenut Antonio Cassar, Simon Muscat in rappresentanza tas-socjeta konvenuta Catbros Ltd., Sasha Cassar u Clayton Gauci.

Ra id-digriet tad-9 ta' April 2003, fejn giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri fis-sens illi l-kelma "konjugi" wara l-ismijiet "Antonio u Sasha" giet imhassra.

Ra it-talba tal-konvenuti Cassar ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tad-9 ta' April 2003, stante illi fl-ewwel lok, huma ma kellhomx ic-cans li iwiegbu ghal din it-talba maghmula mill-attur u inoltre fit-tieni lok, peress illi tali korrezzjoni qieghed tbiddel l-persuna tal-konvenuta Sasha Cassar.

Ra id-digriet tat-Tribunal tat-28 ta’ Mejju 2003, fejn din it-talba giet michuda.

Ra r-risposta tal-konvenut Sasha Cassar datata 13 ta’ Gunju 2003 fejn huwa eccepixxa illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut stante illi huwa mhuwiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza. Inoltre l-iskip ma huwiex proprjeta tieghu u l-konvenut ma pogga l-ebda skip fit-triq.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra,

Illi din il-kawza tittratta dwar incident stradali li sehh bil-lejl meta l-attur habat fi *skip* li kien tqieghed fit-triq f’posizzjoni illi parti minnu kien qed jisporgi fil-karreggjata tat-triq fejn huwa kien qieghed isuq. Sabiex jippermetti vettura tielgha mid-direzzjoni l-opposta tat-triq biex tghaddi, l-attur kellu bil-fors jidhol lejn il-genb tieghu tat-triq bil-konsegwenza illi sab l-iskip sporgut fil-karreggjata tieghu quddiemu u sehhet il-kollizzjoni biex b’hekk l-vettura tieghu garrbet il-hsarat reklamati permezz tal-presenti istanza. Dawl bizzejjed fit-triq ma kienx hemm sabiex huwa seta’ jara l-iskip in kwistjoni. Fil-fatt huwa jikkontendi illi fil-presenza tal-pulizija li gew fuq il-post, kien ser isehh incident simili tant illi l-pulizija iddecidew dak il-hin stess illi ikun ahjar li l-iskip jitressaq fil-genb tat-triq u ghal dan il-ghan cemplu lis-Civil Protection Department. L-iskip kien mimli materjal u ma kellux dawl imwahhal mieghu biex jindika li kien qieghed fit-triq u dana kif jindika ir-ritratt Dokument MP1, li juri l-posizzjoni li fiha kien jinstab dan l-iskip dak in-nhar ta’l-incident. Illi inoltre kemm mix-xhieda ta’ Kevin Borg, is-segretarju tal-Kunsill Lokali ta’ Rahal il-Gdid, kif ukoll tal-kuntistabbli tal-puliizja Vassallo jirrizulta illi l-post fejn kien wieqaf l-iskip huwa *no parking area* u *tow zone*, oltre illi ma kienx kopert bil-permessi necessarji tal-pulizija, tant illi anke kienu ittiehdu proceduri kontra il-konvenuti Cassar.

Illi jirrizulta mill-provi illi sid l-iskip kien is-socjeta konvenuta Catbros Ltd., liema skip kien inkera mill-konvenut Sasha Cassar. Simon Muscat, direttur tas-

socjeta konvenuta jixhed illi l-impjegati tieghu generalment iqieghdu l-iskips li jinkrew fil-post indikat mill-klijenti. Min-naha tieghu Sasha Cassar jikkontendi illi huwa kien kera l-iskip ghal gurnata wahda biss u li hu kien ta struzzjonijiet lil persuna li gabitlu dan l-iskip illi dan kellu jingabar fil-ghaxija, izda dan baqa ma sarx min-naha tas-socjeta konvenuta. Jikkontendi ukoll illi l-iskip kien tqieghed fil-post mill-persuna impjegata mas-socjeta konvenuta li kienet krietlu dan l-iskip, fil-presenza tieghu.

Ikkunsidra.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jidher illi l-iskip mertu tal-kawza kien tpogga fil-post fejn sehh l-incident minn impjegati tas-socjeta konvenuta fil-post indikat lilhom mill-konvenut Sasha Cassar. Ma jidhirx illi l-konvenut l-iehor Antonio Cassar kien involut fil-kiri ta’ dan l-iskip u dana kif jidher car kemm mix-xhieda tieghu kif ukoll mix-xhieda ta’ ibnu Sasha. Illi jirrizulta illi l-iskip huwa ta’ certu proporzjonijiet kbar li bil-fors irid jitqieghed mill-persuni li iwassluh fuq il-post u ghalhekk ma jidhirx illi huwa possibbli illi dan seta’ iccaqlaq wara mill-konvenut Cassar. Inoltre dan l-iskip thalla hemmhekk matul il-lejl minghajr dawl li seta’ jaghti avviz lill-utenti tat-triq illi kien hemm dan l-ostakolu fit-triq. L-iskip di piu’ tqieghed f’ *no parking area* u *tow zone* u ma kellux il-permessi necessarji. Certament illi l-konvenut Cassar li jidher illi huwa midhla tal-post, kien jaf li dan kien il-kaz. Inoltre kif ammess minnu stess fix-xhieda tieghu, huwa lanqas ma kien jaf illi kellu jottjeni permess minn ghand il-pulizija sabiex ikun jista’ jikri skip u iqieghdu fit-triq ghall-uzu tieghu.

Illi ghalhekk kemm il-konvenut Cassar, kif ukoll is-socjeta konvenuta Catbros Limited huma ugwalment responsabbli ghad danni subiti mill-attur minhabba l-agir irresponsabbli taghhom.

Illi f’sentenza moghtija fis-6 ta’ Dicembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Michael Balzan vs Lawrence Ciantar nomine, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili stqarret illi:

“Huwa assodat illi toroq li jintuzaw minn sewwieqa ghandhom ikunu liberi u zgombri minn ostakoli li ifixxklu c-cirkolazzjoni normali tat-traffiku, izda li fejn ikun hemm il-bzonn li isiru xogholijiet jew jigu kreati xi ostakoli fit-toroq, is-sewwieqa ghandhom ikunu avzati b’dan b’mod car u b’tali mod li l-mizuri li jittiehdu iridu ikunu serji, adegwati u affidabbli fis-sens li dak li ragonevolment seta’ isir sabiex jigi evitat dannu fil-fatt sar.

Ebda sid kemm jekk privat, kif ukoll il-Gvern ma jista’ jehles mir-responsabbilta billi ighid illi huwa qabbad in-nies biex jaraw li jigi evitat incident. Kull sid irid johloq sistema adegwata ta’ kontroll biex jassigura li l-misuri li jittiehdu kontra perikolu ta’ hsara jkunu effetwati.

Ghalkemm fil-ligi Maltija is-sid hu responsabbli ghal *culpa in eligendo* biss pero’ fl-interpretazzjoni relevanti tal-Kodici (art.1037), il-gurisprudenza recenti hi fis-sens li ghandhom japplikaw il-principji ta’ kawza u rizultat, fis-sens illi jekk tirrizulta l-inkompetenza minhabba in-nuqqas tal-persuna imqabbda mis-sid allura is-sid huwa responsabbli ghax ma setax jassumi l-kompetenza.”

Illi ghalhekk, ghalkemm il-konvenut Cassar kellu kull dritt illi jaghmel uzu minn dan l-iskip minhabba xi xogholijiet li kien qieghed jaghmel fil-hanut tieghu, huwa messu ha l-prekawzzjonijiet kollha necessarji billi fl-ewwel lok ha hsieb jottjeni il-permessi relattivi tal-pulizija, kif ukoll illi jara illi dana l-iskip jigi mqieghed f’post fejn ma ikunx ta’ ostakolu ghall-utenti tat-triq. Min-naha tas-socjeta konvenuta, imbaghad hija ma tistax tfarfar mir-responsabbilta’ taghha billi tghid illi l-iskip jitiqieghed fil-post fejn jigi indikat mill-klijent, ghaliex dana certament ma jistax jitqieghed f’nofs tat-triq, izda hija trid tassigura ruhha (u taghti istruzzjonijiet cari llill-impjegati taghha f’dan is-sens), illi dawn l-iskips jitqieghdu b’mod li ma ikunu ta’ perikolu ghal hadd. Inoltre l-istess socjeta konvenuta ghandha tiehu il-mizuri kollha sabiex tara illi l-utenti tat-triq ikollhom indikazzjoni cara illi dan l-iskip jinsab fit-triq, aktar u aktar meta jithalla hemmhekk ghal hin ta’ matul il-lejl, b’mod illi ghandu ikun hemm dawl bizzejjed imwahhal

ma'l-iskip sabiex jindika lis-sewwieqa tat-triq illi hemm dan l-ostakolu.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u l-attur min-naha tieghu irriduca it-talba tieghu ghas-somma ta' Lm1500 u dana ai fini ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jillibera lill-konvenut Antonio Cassar mill-osservanza tal-gudizzju, ighaddi sabiex jilqa' it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Catbros Ltd., u Sasha Cassar, u jikkundanna lill-istess konvenuti Catbros Ltd u Sasha Cassar ihallsu lill-attur b'mod ugwali bejniethom s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tad-29 ta' April 2002 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti Catbros Ltd u Sasha Cassar b'mod ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------